MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 17/2012

**Rose Bezzina (K.I 326849M), Martin Baldacchino (K.I 784855M), Rita Fenech (K.I 378558M), Giorgia Zammit (K.I 15763M), Carmen Cassar (K.I 414650M), Marvic Baldacchino (K.I 398068M), Antonia Debono (K.I. 618615M)**

**vs**

**Stefan Apap (K.I. 346789M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur;

1. Illi r-rikorrenti kienu jikru lil konjugi Charles Apap u Anna Apap illum mejtin, il-fond li jgib l-indirizz 334, Mdina Road Qormi u dan permezz ta' kuntratt ta' ewfitewsi fl-atti tan-Nutar Antoine Agius;

2. Illi t-trasferiment u l-koncessjoni enfitewtiku ta’ l-istess fond mill-konjugi Apap ma sarx skond il-ligi;

3. Illi l-intimat flimkien ma xi persuna jew persuni ohra mhux maghrufa qeghdin jokkupaw l-istess fond minghajr ebda titolu;

4. Illi l-intimat gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali ta’ 16 ta’ Jannar, 2012 li kopja taghha qieghed jigi anness hawn u mmarkat bhala Dokument A u kif ukoll permezz ta’ ittra legali datat 16 ta’ Settembru, 2011, anness hawn u mmarkat bhala Dokument B;

5. Illi ghalhekk nonostante l-intimat kien interpellat bil-miktub biex irodd lura l-propjeta’ de quo, baqa’ inadempjenti u ghadu sal-lum fil-pussess tieghu abbuzivament;

Jghid ghalhekk l-istess intimat ghaliex ir-ragunijiet premessi, m’ghandux dan il-Bord:

Jawtorizza lill-esponenti jirriprendu l-pussess tal-fond de quo u konsegwentement jordna l-izgumbrament ta’ l-istess intimat u/jew kull okkupant ohra mill-fond 334, Mdina Road Qormi u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa ghan dan l-Onorabbli Bord;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra wkoll ir-risposta;

Illi l-azzjoni tar-rikorrenti quddiem dan il-Bord ghandha tigi michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament l-insostenibilita’ tal-azzjoni promotura u n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan il-Bord inkwantu illi kif jirrizulta mill-istess premessi tar-rikors mressaq mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom fuq koncessjoni enfitewtika;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-insostenibilita' tal-azzjoni mressqa quddiem dan il-Bord in kwantu illi l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' titolu tal-intimat esponent hija msejjsa fuq l-allegazzjoni illi t-trasferiment tal-koncessjoni enfitwetika ma saritx skond il-ligi – allegazzjoni illi dan il-Bord, bir-rispett, ma ghandux il-gurisdizzjoni bil-ligi biex jisma' u jiddetermina;

3. Ukoll minghajr pregudizzju, illi mhux minnu illi l-intimat esponent jokkupa l-fond de quo minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

4. Salv risposta ulterjuri;

Bl-ispejjes.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2012 fejn il-partijiet qablu li l-Bord jghaddi ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat;

Ra illi fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2012 l-Bord ikkonceda lir-rikorrenti l-fakolta li jipprezentaw nota ta' referenzi wara li insistew illi t-talba taghhom hija sostenuta fil-gurisprudenza, izda l-istess rikorrenti baqghu ma pprezentaw ebda nota;

Ikkunsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati li huma ta' natura preliminari;

Illi kif jemergi mir-rikors promutur, ir-rimedju vantat mir-rikorrenti huwa dak ta' ripreza ta' fond u konsegwenzjali zgumbrament tieghu mill-intimati. Ghal dawn it-talbiet, r-rikorrenti jippremettu illi l-fond kien inizzjalment moghti lill-konjugi Charles u Anna Apap permezz ta' koncessjoni enfitewtika li da parti taghhom trasferewh lil b'titolu ta' koncessjoni subenfitewtika lil terzi. Ir-rikorrenti jikkontendu illi t-tieni koncessjoni enfitewtika ma saritx

skond il-ligi u ghalhekk it-terz, allura l-intimat, qed jokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Ir-rikorrenti esebew ittra bonarja bid-data tas-16 ta' Settembru 2011 mibghuta mil-legali taghhom ghan-nom ta' Charles u Annie Baldacchino indirrizzata lill-Okkupant tal-fond 334, Mdina Road, Qormi. Permezz ta' din l-ittra, l-intimat kien infurmat illi wara l-mewt ta' Charles u Anna Apap, fit-termini tal-artikolu 1508(2) tal-Kap 16 it-trasferiment tal-*utile dominium* setgha biss jsir permezz ta' att pubbliku jew disposizzjoni testamentarja. Permezz ta' ittra ufficcjali tas-16 ta' Jannar, din id-darba indirizzata lil Stefan Apap, l-intimat kien infurmat illi l-kuntratt ta' enfitewsi bejn l-konjugi Charles u Anna Apap u l-ahwa Baldacchino "*ma sarx skond il-ligi u ghalhekk l-enfitewsi hija null*". Inoltre t-trasferiment u l-koncessjoni enfitewtika mill-konjugi Apap ma sarx skond il-ligi "*u ghalhekk inti u nies ohrajn mhux mgharufa, qed tokkupaw l-fond minghajr ebda titolu legali*";

Illi ghalhekk huwa evidenti illi t-talba tar-rikorrenti hija mibnija fuq il-premessa illi jezisti difett fl-ewwel koncessjoni enfitewtika kif ukoll fit-tieni koncessjoni mill-utilisti versu l-pussessur intimat. Il-Bord m'ghandux ghalfejn jinoltra fit-tul dwar l-eccezzjonijiet tal-intimati ghaliex din ser tkun konsiderata b'success minnufih. Dan it-Tribunal mhux kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti kif ravvizati fir-rikors promutur ghalhiex din il-kompetenza hija rizervata lit-Tribunali ordinajri senjatament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

It-talba tar-rikorrenti jista' jkun li kienet intentata quddiem dan il-Bord minhabba l-portata tal-emendi bis-sahha tal-Att X tal-2009 senjatament fejn s-subartikolu l-gdid (4) tal-artikolu 16 jirraviza li l-Bord hu kompetenti sabiex jisma u jiddetermina kawzi dwar okkupazzjoni ta' fond wara t-tmiem ta' kirja. Huwa minnu illi l-Att X tal-2009 introduca diversi aspetti godda fil-ligijiet tal-kera. L-artikolu 1525 tal-Kap 16 kolpit bl-emendi hawn msemmija jghid hekk:

Il-Bord li Jirregola l-Kera (hawn aktar 'il quddiem f'dan it-titolu msejjah "il-Bord tal-Kera") mahtur bis-sahha ta' l-

Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta’ Bini ghandu kompetenza esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma’ kuntratti ta’ kiri ta’ fond urban u ta’ dar ghall-abitazzjoni u ta’ fond kummercjali. Kirjiet ohra jaqghu taht il-kompetenza tal-qrati ta’ gurisdizzjoni civili u fil-kaz ta’ raba’ taht il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ mahtur bid-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar it-Tigdid ta’ Kiri ta’ Raba’.

L-istess Att, fl-artikolu 38 (a) jipprovdi ghad-dhul ta’ subartikolu gdid wara l-artikolu 16(4) tal-Kap 69:

“(4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta’ fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan għat-termini ta’ Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, **inklużi** kawżi dwar okkupazzjoni ta’ fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta’ kirja.”; (sottolinear u enfazi tal-Bord).

B’hekk tnehhiet id-distinzjoni bejn kirja fi stadju ta’ rilokazzjoni u dik fi stadju orginali ghal fini ta’ kompetenza izda mhux ghall-kwisjtonijiet ohrajn. Opportunement irid jinghad illi ghalhekk il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal illum assumiet dimensjoni wiesgha hafna, dana pero’ ma jfissirx illi okkupazzjoni ta’ fond naxxenti minn difett fil-koncessjoni enfitewtika taqa’ fil-mansjoni tal-istess Bord. Fis-sentenza fl-simijiet **Christopher Gatt vs Daniel Doneo (PA 28.3.2011)** kien ritenut illi: “ *Il-Bord tal-Kera, bl-emendi li saru fl-2009 amplifikawlu l-poteri tieghu u akkordaw lill-Bord poteri investigattivi u l-poteri fost ohrajn li jiddeciedi dwar kwestjonijiet kollha konnessi ma’ kuntratt ta’ kera. Pero’ din il-Qorti hi tal-fehma li l-Bord tal-Kera xorta jibqa’ tribunal specjali b’poteri li jridu jintuzaw entro l-limiti ta’ dak li tghid il-ligi. Kwestjonijiet illi ma jaqghux entro l-provvedimenti tal-ligi li jirregolaw il-kiri jridu per forza jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji... Ma hemm ebda artikolu tal-ligijiet tal-Kera li jestendu l-poteri tal-Bord tal-Kera biex jiddeciedi fuq kwezit simili,* [vizzju ta’ kunsens fil-ftehim u allegata falsita fil-firma], *liema kwezit*

*ghalhekk irid jigi investigat mill-Qorti Ordinarja, kif ghamel l-attur f'din il-kawza".* Il-kawza appena citata kienet titratta dwar vizzju fil-kuntratt lokatizju u la darba hekk deciz *mundo magis* li dan il-Bord mhux kompetenti jiehu konjizzjoni ta' kawza dwar vizzju fit-titolu enfitetiku u okkupazzjoni tal-istess fond b'titolu ta' enfitewsi meta sia dak it-titolu kif ukoll dak tal-*ante causa* tal-okkupant kienu vizzjati;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimat u stante inkompetenza *rationae materiae* jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------